32002F0475

22.6.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 164/3

# ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu

(2002/475/JHA)

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 29, l-Artikolu 31(e) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2];

Billi:

(1) l-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq il-valuri universali tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà l-ugwaljanza u s-solidarjetà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Hija mwaqqfa fuq il-prinċipju tad-demokrazija u l-prinċipju tar-regola tal-liġi, il-prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri.

(2) It-terroriżmu huwa wieħed mill-aktar vjolazzjonijiet serji għal dawk il-prinċipji. Id-dikjarazzjoni “La Gomera” li kienet adottata fil-laqgħa nformali tal-Kunsill fl-14 ta’ Ottubru 1995 ikkonfermat illi t-terroriżmu huwa theddida għad-demokrazija, u l-użu ħieles tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

(3) Xi Stat Membru jew Stati Membri huma membri ta’ numru ta’ konvenzjonijiet li jittrattaw it-terroriżmu. Il-Kunsill tal-Konvenzjoni Ewropea tas-27 ta’ Jannar 1977 dwar it-Trażżin tat-Terroriżmu ma jqisx reati terroristiċi bħala reati politiċi jew bħala reati marbuta mar-reati politiċi jew reati spirati minn motivi politiċi. Il-Ġnus Magħquda adottaw il-Konvenzjoni għat-trażżin ta’ bombi terrostiċi tal-15 ta’ Diċembru 1997 u l-Konvenzjoni għat-trażżin ta’ iffinanzjar tat-terroriżmu tad-9 ta’ Diċembru ta’ l-1999. L-abbozz tal-Konvenzjoni globali kontra t-terroriżmu bħalissa qiegħed ikun innegozjat fil-Ħnus Magħquda.

(4) Fuq il-livell ta’ l-Unjoni Ewropea, fit-3 ta’ Diċembru 1998 il-Kunsill adotta l-Pjan ta’ Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar kif timplimenta bl-aħjar mod id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta’ Amsterdam dwar il-qasam tal-ħelsien, sigurtà u l-ġustizzja [3]. Għandu jittieħed kont ukoll tal-Konkluzzjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta’ Settembru 2001 u tal-pjan tal-Kunsill Straordinarju Ewropew ta’ l-azzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu tal-21 ta’ Settembru 2001. It-terroriżmu kien imsemmi fil-konkluzzjonijiet tal-Kunsill Ewropew f’Tampere tal-15 u s-16 ta’ Ottubru 1999, u tal-Kunsill Ewropew ta’ Santa María da Feira tad-19 u l-20 ta’ Ġunju 2000. kien imsemmi wkoll fil-komunikazzjoni tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar it-tiġdid li jsir darbtejn fis-sena tat-tabella tar-riżultati biex ikun eżaminat il-progress dwar il-ħolqien ta’ qasam ta’ “libertà, sigurtà u ġustizzja” fl-Unjoni Ewropea (l-aħħar sitt xhur tas-sena 2000). Minnbarra dan, fil-5 ta’ Settembru 2001 il-Parlament Ewropew adotta r-rakommandazzjoni dwar ir-rwol ta’ l-Unjoni Ewropea biex tiġġieled it-terroriżmu. Għandu, minnbarra dan, jitfakkar illi fit-30 ta’ Lulju 1996 ħamsa u għoxrin miżura kienu imressqa mill-pajjiżi l- aktar industrijalizzati (G7) u r-Russja li ltaqgħu f’Pariġi.

(5) L-Unjoni Eqropea adottat diversi miżuri speċifiċi li għandhom effett fuq it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, bħad-deċizjoni tal-Kunsill tat-3 ta’ Diċembru 1998 li tagħti struzzjonijiet lill-Europol biex tittrata ma’ reati li twettqu jew li x’aktarx twettqu fil-kors ta’ attivitajiet terroristiċi kontra l-ħajja, jew is-sigurtà personali jew il-proprjetà [4]; l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/610/JHA tal-15 ta’ Ottubru 1996 dwar il-ħolqien u ż-żamma ta’ Direttorju ta’ kompetenzi speċjalizzati kontra t-terroriżmu, ħiliet u esperjenza biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ta’ kontra t-terroriżmu bejn l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea [5]; l-Azzjoni tal-Konġunat tal-Kunsill 98/428/JHA tad-29 ta’ Ġunju 1998 dwar il-ħolqien ta’ Network Ġudizzjarju Ewropea [6], b’responsabilitajiet fir-reati terroristiċi, b’mod partikolari l-Artikolu 2; l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/733/JHA tal-21 ta’ Diċembru 1998 biex iġibu reat kriminali il-parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea [7]; u r-Rakkommandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta’ Diċembru 1999 dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tal-gruppi terroristiċi [8].

[1] ĠU C 332 E, tas-27.11.2001, p. 300.
[2] Opinjoni mogħtija fis-6 ta’ Frar 2002 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[3] ĠU C 19, tat-23.1.1999, p. 1.
[4] ĠU C 26, tat-30.1.1999, p. 22.
[5] ĠU L 273, 25.10.96, p. 1.
[6] ĠU L 191, 07.07.98, p. 4.
[7] ĠU L 351, 29.12.98, p. 1.
[8] ĠUĊ 373, tat-23.12.1999, p. 1.

(6) It-tifsira ta' reati terroristiċi għandhom ikunu approssimata fl-Istati Membri kollha, inklużi dawk ir-reati dwar il-gruppi terroristiċi. Minnbarra dan, għandhom jingħataw penali u s-sanzjonijiet lill-persuni naturali u ġuridiċi li wettqu jew li huma responsabbli għal dawn ir-reati, li jirrifletu s-serjetà ta' dawn ir-reati.

(7) Għandhom ikunu stabbiliti regoli ta' ġurisdizzjoni biex jiż-guraw r-reati terroristiċi jkunu jistgħu jiġu persegwiti b'mod effettiv.

(8) Il-vittmi ta' reati terroristiċi huma vulnerabbli, u għadaqstant hemm bżonn ta' miżuri speċifiċi għalihom.

(9) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħedhom, u jistgħu, għaldaqsant, minhabba l-bżonn tar-reċiproċità, jintlaħqu aħjar fuq livell ta' l-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, din id-Deċizjoni Kwadru ma tmurx lil hinn minn dak li hemm bżonn biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(10) Din id-Deċijoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali kif dawn jirriżultaw mit-tradizzjonijiet komuni fl-Istati Membri bħala prinċipji tal-liġi Komunitarja. L-Unjoni tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li jidhru fil-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari il-Kapitolu VI tiegħu. Xejn f'din id-deċiżjoni ma tista' tkun interpretata li hija ntiża li tnaqqas jew tirrestrinġi d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali bħad-dritt li tieħu azzjoni industrijali, il-libertà li tissieħeb jew ta' espressjoni, inkluż id-dritt ta' kulħadd li jifforma u jingħaqad ma' għaqdiet tal-ħaddiema ma' oħrajn għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu jew tagħha u d-dritt relatat ta' dimostrazzjoni.

(11) Azzjonijiet mill-forzi armati matul il-perjodi ta' kunflitt bl-armi, li huma rregolati mid-dritt umantiarju internazzjonali skond it-tifsira ta' dawn it-termini f'dik il-liġi, u sakemm dawn huma regolati minn regoli oħra tad-dritt nternazzjonali, l-azzjonijiet mill-forzi armati ta' l-Istat fl-eżerċizzju ta' l-obbligi uffiċjali tagħhom ma humiex regolati minn din id-Deċijoni Kwadru,

ADOTTA DIN DEĊIŻJONI KWADRU:

*Artikolu 1*

**Reati terroristiċi u d-drittijiet u prinċipji fundamentali**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li l-atti intenzjonali msemmija hawn taħt fil-punti (a) sa (i), kif imfissra bħala reati skond il-liġi nazzjonali, li, minħabba n-natura jew il-kuntest tagħhom, jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali fejn dawn isiru bl-iskop illi:

— jintimidaw b'mod serju lill-popolazzjoni, jew

— b'mod illeċitu iġiegħlu lill-Gvern jew organizzazzjoni internazzjonali li jagħmlu jew jonqsu milli tagħmel xi att, jew

— jidestabilizzaw jew ikissru l-istrutturi politiċi, kostituzzjonali, ekonomiċi jew soċjali ta' pajjiz jew organizzazzjoni internazzjonali,

għandhom jitqiesu bħala reati terroristiċi:

(a) l-attakki fuq il-ħajja ta' persuna li jistgħu jikkaġunaw il-mewt;

(b) attakki fuq l-integrità fiżika tal-persuna;

(ċ) il-ħtif ta' persuna jew il-ħtif ta' ostaġġi;

(d) id-distruzzjoni estensiva lil Gvern jew faċilità pubblika, sistema ta' trasport, faċili ta' infrastruttura, inkluża sistema ta' informazzjoni, pjattaforma fissa li tkun tinsab fuq il-blata kontientali, post pubbliku jew proprjetà privata li x'aktarx toħloq periklu lill-ħajja jew tirriżulta f'telf ekonomiku kbir;

(e) il-ħtif ta' ajruplani, vapuri, jew mezzi oħra tat-trasport pubbliku jew tal-merkanzija;

(f) l-fabbrikazzjoni, il-pussess, l-akkwist, it-trasport, il-kunsinna jew l-użu ta' armi, splussivi jew ta' armi nukleari, bioloġiċi jew kimiċi, kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp ta' armi bijoloġiċi u kimiċi;

(g) il-ħelsien ta' sustanzi perikolużi, jew li joħolqu n-nirien, għargħar jew splussjonijiet li l-effett tagħhom huwa li joħolqu periklu għall-ħajja tal-bniedem;

(h) jinterferixxu jew ifixxklu l-kunsinna ta' ilma, dawl jew riżorsi naturali u fundamentali oħra li l-effett tagħhom huwa li joħolqu periklu għall-ħajja tal-bniedem;

(għ) jheddu li jwettqu xi waħda mill-atti msemmija f'(a) sa (h).

2. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandiex ikollha l-effett li tbiddel l-obbligi ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif garantiti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

**Reati li għandhom x'jaqsmu ma' grupp terroristiku**

1. Għall-għanijiet ta' din id-Decijoni Kwadru, "grupp terroristiku" għandha tfisser: grupp li għandu struttura ta' aktar minn żewġ persuni, mwaqqaf fuq perjodu ta' żmien u li jaġixxi flimkien sabiex iwettaq reati terrostiċi. "Grupp strutturat" għandha tfisser grupp li ma ġiex iffurmat bl-addoċċ għat-twettieq immedjat ta' reati u li ma għandux il-ħtieġà ta' rwoli definiti formalment għall-membri tiegħu, kontinwità tas-sħubija tiegħu jew struttura żviluppata.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżgura li l-atti intenzjonali li ġejjin ikunu kastigabbli:

(a) it-tmexxija ta' grupp terroristiku;

(b) il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku, inkluż bl-ogħti ta' informazzjonji jew riżorsi materjali, jew bl-iiffinanzjar ta' l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mod, bil-konoxxenza tal-fatt illi parteċipazzjoni bħal din ser tgħin lill-attivitajiet kriminali tal-grupp terroristiku.

*Artikolu 3*

**Reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi**

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li r-reati marbuta mat-terroriżmu jinkludu dawn l-atti li ġejjin:

(a) serq aggravat bl-iskop li jitwettaq wieħed jew aktar mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1);

(b) estorsjoni bl-iskop li jitwettaq xi wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1);

(ċ) it-tħejjija ta' dokumenti amministrattivi foloz bl-iskop li jitwettaq xi wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) sa (h) u l-Artikolu 2(2)(b).

*Artikolu 4*

**Inċitazzjoni, għajnuna jew tixwix, u tentattivi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-inċitazzjoni, l-għajnuna jew tixwix għal wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2 jew 3 ikunu kastigabbli.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li t-tentattiv li jitwettaq xi reat elenkat fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3, bl-eċċezzjoni tal-pussess kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(f) u r-reat imsemmi fl-Artikolu1(1)(i), ikunu kastigabbli.

*Artikolu 5*

**Penali**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 1 sa 4 ikunu kastigabbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonali u dissważivi, u li jistgħu jinkludu l-estradizzjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li r-reati terroristiċi msemmija fl-Artikolu 1(1) u r-reati msemmija fl-Artikolu 4, safejn dawn ikollhom x'jaqsmu ma' reati terroristiċi, ikunu kastigabbli b'pieni ta' priġunerija eħrex minn dawk possibbli skond il-liġi nazzjonali għall-reati bħal dawn fl-assenza ta' intenzjoni speċjali meħtieġa skond l-Artikolu 1(1), salv fejn il-piena imposta tkun diġa s-sentenza massima possibbli skond il-liġi nazzjonali.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżgura li r-reati elenkati fl-Artikolu 2 ikollhom piena ta' priġunerija, b'sentenza massimu ta' mhux anqas minn ħmistax-il sena għar-reat msemmi fl-Artikolu 2(2)(a), u għar-reati msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) sentenza massima ta' mhux anqas minn tmien snin. Sakemm ir-reat imsemmi fl-Artikolu 2(2)(a) jittrata biss dwar l-att fl-Artikolu 1(1)(i), is-sentenza massima m'għandiex tkun ta' anqas minn tmien snin.

*Artikolu 6*

**Ċirkustanzi partikolari**

Kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-pieni msemmija fl-Artikolu 5 jistgħu jitnaqqsu jekk il-persuna li tkun qiegħda twettaq ir-reat:

(a) tieqaf mill-attività terroristika, u

(b) tagħti lill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji l-informazzjoni li dawn ma setgħux jiksbu b'xi mod ieħor, u jgħinhom:

(i) jevitaw jew inaqqsu l-effetti tar-reat;

(ii) jidentifikaw jew irressaq għall-ġustizzja l-persuni l-oħra li wettqu r-reat;

(iii) isibu provi; jew

(iv) jevitaw reati oħra msemmija fl-Artikolu 1 sa 4.

*Artikolu 7*

**Responsabiltà tal-persuni ġuridiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-persuni ġuridiċi jistgħu ikunu misjuba responsabbli għall kull wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 li jkunu saru għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi jew waħedha jew bħala parti minn organu ta' persuna ġuridika, li għandha pożizzjoni ta' tmexxija fil-persina ġuridika, ibbażata fuq dan li ġej:

(a) is-setgħa ta' rappreżentazzjoni tal-persuna ġuridika;

(b) setgħa li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;

(ċ) l-awtorità li teżerċita kontroll fil-persuna ġuridika.

2. Minbarra l-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-persuni ġuridiċi jkunu jkunu jistgħu jinsabu responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 1 tkun għamlitha possibbli li jittwettaq xi wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 1 sa 4 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna legali minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridici skond il-paragrafi 1 u 2 mhux ser teskludi l-proċeduri kriminali kontra l-persuni li jwettqu, jinstigaw jew li jkunu kompliċi f'xi wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 1 sa 4.

*Artikolu 8*

**Pieni għall-persuni ġuridici**

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-persuna ġuridika li tinsab responsabbli skond l-Artikolu 7 ikollha piena effettiva, proporzjonali u dissważiva, li għandhom jinkludu multi kriminali kif ukoll mhux kriminali, u jistgħu jinnkludu wkoll pieni oħra, bħal:

(a) esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji jew għajnuna pubblika;

(b) skwalifika temporarja jew permanenti mit-twettieq ta' attivitajiet kummerċjali;

(ċ) it-tqegħid taħt sorveljanza ġudizzjarja;

(d) ordni ġudizzjarja ta' xoljiment;

(e) għeluq temporarju jew permaneti ta' stabbilimenti li ntużaw sabiex jitwettaq ir-reat.

*Artikolu 9*

**Ġurisdizzjoni u Prosekuzzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 fejn:

(a) Ir-reat jittwettaq fis-sħiħ jew parti minnu fit-territorju tiegħu. Kull Stat Membru jista' jestendi l-ġurisdizzjoni tiegħu jekk ir-reat jitwettaq fit-territorju ta' Stat Membru;

(b) ir-reat jitwettaq fuq bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew ajruplan irreġistrat hemmhekk;

(ċ) il-persuna li wettqet ir-reat hija waħda miċ-ċittadini jew residenti tiegħu;

(d) ir-reat jittwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

(e) ir-reat jitwettaq kontra l-istituzzjonijiet jew il-poplu ta' l-iStat Membru in kwistjoni jew kontra xi istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea jew korp mwaqqaf skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea u bbażat fl-dak l-Istat Membru.

2. Fejn reat jaqa' fl-ambitu tal-ġurisdizzjoni ta' iżjed minn Stat Membru wieħed u fejn xi wieħed mill-iStati konċernati jistgħu jmexxu il-prosekuzzjoni b'mod validu fuq il-bażi ta' l-istess fatti, l-Istati Membri konċernati għandhom jikkooperaw sabiex jiddeċiedu liema minnhom ser immexxi l-prosekuzzjoni kontra l-persuni li wettqu r-reat bl-iskop, jekk possibbli, li jiċċentralizzaw il-proċeduri fi Stat Membru wieħed. Għal dan il-għan, l-istati Membru jistgħu jirrikoru għal kull korp jew mekkaniżmu stabbilit fl-Unjoni Ewropea sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom u l-koordinazzjoni ta' l-azzjoni tagħhom. Għandu jittieħed kont b'segwenza ta' dawn il-fatturi li ġejjin:

— l-Istat Membru għandu jkun dak it-territorju fejn twettqu l-atti,

— l-Istat Membru għandu jkun dak li fih min iwettaq ir-reat huwa ċittadin jew residenti,

— l-Istat Membru għandu jkun l-Istat Membru minn fejn joriġinaw il-vittmi,

— l-Istat Membru għandu ikun dak fejn il-persuna li wettqet ir-reat instabet.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji ukoll biex jistabilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 f'każijiet fejn jirrifjuta li jagħti jew jagħmel estradizzjoni tal-persuna ssupsetta jew li nstabet ħatja ta' reat bħal dan għal Stat Membru jew pajjiż terz.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-ġurisdizzjoni tiegħu tkopri l-każijiet fejn xi wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 2 u 4 twettqu fis-sħiħ jew parti minnhom fit-territorju tiegħu, kull fejn il-grupp terroristiku huwa bbażat jew iwettaq l-attivitajiet kriminali tiegħu.

5. Dan l-Artikolu m'għandux jeskludi l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fil-każijiet kriminali kif stabbilit minn Stat Membru skond il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 10*

**Prottezjoni ta' u għajnuna lill-vittmi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni ta' reati koperti minn din id-Deċiżjoni ma jiddependux fuq rapport jew akkuża li tkun saret minn persuna suġġetta għar-reat, ta' l-inqas jekk l-atti saru fuq it-territorju ta' l-Istati Membri.

2. Minbarra l-miżuri stabbiliti fid-DeċIzjoni tal-Kunsill 2001/220/JHA tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-dritt tal-vittmi fi proċeduri kriminali ([1]), kull Stat Membru għandu, jekk ikun hemm il-bżonn, jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżgura għajnuna kif tixraq lill-familji tal-vittmi.

*Artikolu 11*

**Implimentazzjoni u rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru sal-31 ta' Diċembru 2002.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2002, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni it-test taddispożizzjonijiet li jimplimentaw fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi mpoġġija fuqhom skond din id-Deċiżjoni Kwadru. Fuq il-bażi tar-rapport li jkun sar min dik l-informazzjoni u r-rapport lill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jivvaluta, sal-31 ta' Diċembru 2003, jekk l-Istati Membri ħadux il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jispeċifika, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni fil-liġi kriminali ta' l-Istati Membri ta' l-obbligi msemmija fl-Artikolu 5(2).

([1]) ĠU L 82, 22.03.01, p. 1.

*Artikolu 12*

**Applikazzjoni territorjali**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika għall-Ġibiltà.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. RAJOY BREY